**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 18 ta' Ottubru 2019**

**Rikors Numru : 164/2019 JPG**

**Kawza Numru : 23**

**NJ**

**U**

**VJ**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt u guramentat ta' NJ u VJ, datat 8 ta' April 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Lulju tas-sena elfejn u sitta (2006) – certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok 'A'.*

*Illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla wahda li jisimha HJ u li twieldet fis-sbatax (17) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hamsa (2005), u l-manteniment dovut ghaliha qed jithallas regolarment minn NJ u ghalhekk m'hemmx arretrati ta' manteniment.*

*Illi l-esponenti sseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor James Grech tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Ottubru ta-sena elfejn erbatax (2014) kopja awtentika tal-istess qeghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok 'B'.*

*Illi l-esponenti kienu rrinunzjaw definittivament u reciprokament ghad-dritt li jitolbu u jircievu manteniment minghand xulxin.*

*Illi ghaddew aktar minn erba' (4) snin mid-data li fiha l-partijiet ilhom separati legalment.*

*Illi l-esponenti jiddikjaraw li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom.*

*Illi ghaldaqstant l-esponenti jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabbiliti mil-ligi biex jinghata d-divorzju.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu umilment li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizza u tippronunzja d-divorzju ta' bejn NJ u VJ u tiddikjara z-zwieg taghhom mahlul ai termini tal-Artikoli 66A et seqq tal-Kodici Civili u kif ukoll tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku, u dan taht kull provvediment iehor li jidrilha xieraq u opportun.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**NJ** xehed illi l-partijiet izzewgu fit-22 ta' Lulju 2006 u kienu ottjenew is-separazzjoni personali fit-23 t'Ottubru 2014 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifla wahda versu liema jithallas manteniment b'mod regolari. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**VJ** xehdet *et seqq* u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda ta' NJ.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-22 ta' Lulju, 2006 (Vide Dok A fol 3) u li minn dan

iz-zwieg huma kellhom tifla wahda;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr James Grech, datat 23 ta' Ottubru 2014 (vide Dok. C fol 4 et seqq.) u li ghalhekk ilhom isseparati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi;

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxilhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**